Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President

23.7.2026

Is-Sinjura Li Andersson
President
Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-riskji psikosoċjali, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol(2026/2023(INL))

Sinjura President,

Fil-21 ta' Novembru 2025, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) talab l-awtorizzazzjoni biex ifassal, skont l-Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura, rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar "Ir-riskji psikosoċjali, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol" (il-"proposta INL"). Fl-4 ta' Marzu 2026, il-Konferenza tal-Presidenti tat l-awtorizzazzjoni lill-Kumitat EMPL.

B'ittra tas-27 ta' Marzu 2026, il-Kumitat EMPL talab lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) jagħti opinjoni, skont l-Artikolu 47(3), dwar ix-xerqin tal-bażi legali għar-rapport INL, jiġifieri l-Artikolu 153(2)(b), flimkien mal-Artikolu 153(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Lulju 2026, il-Kumitat JURI kkunsidra l-kwistjoni tax-xerqien tal-bażi legali proposta fl-abbozz tal-INL inkwistjoni.

I – Sfond

It-talba għall-awtorizzazzjoni tal-INL saret skont il-punt VIII(3) tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura, li jagħti lill-Kumitat EMPL il-kompetenza fil-qasam tal-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

L-iskop tal-proposta INL hija li tistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar ir-riskji psikosoċjali u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol immirata lejn il-prevenzjoni effiċjenti tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, bħall-ansjetà, id-dipressjoni, il-burnout u l-istress, inklużi riskji kkawżati minn problemi strutturali bħall-organizzazzjoni tax-xogħol (jiġifieri ġestjoni ħażina, tfassil ħażin tax-xogħol jew nuqqas ta' tqabbil xieraq tal-għarfien u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema mal-kompiti assenjati). Il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta bħal din waqt diskussjoni plenarja f'Mejju 2025.

II – L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

It-Titolu X tat-Tielet Parti tat-TFUE dwar il-Politika Soċjali jipprevedi, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

Artikolu 153
(ex Artikolu 137 TKE)

1. Bl-għan li jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 151, l-Unjoni għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma li ġejjin:

(a) it-titjib in partikolari tal-ambjent tax-xogħol sabiex jitħarsu s-saħħa u s-siġurtà tal-ħaddiema;

(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(c) is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;

(d) il-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ li jintemmilhom il-kuntratt tal-impjieg;

(e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;

(f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u s-sidien, inkluża t-tmexxija konġunta, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5;

(g) il-kondizzjonijiet tal-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment fit-territorju tal-Unjoni;

(h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, bla preġudizzju għall-Artikolu 166;

(i) l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol;

(j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;

(k) il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali bla preġudizzju għall-punt (c).

2. Għal dan l-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

(a) jistgħu jadottaw miżuri intiżi sabiex iħajru kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' inizjattivi mmirati sabiex jameljoraw l-għarfien, jiżviluppaw skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, jippromwovu affronti innovattivi u jivvalutaw l-esperjenzi, b'esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri;

(b) jistgħu jadottaw fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (i), permezz ta' direttivi, rekwiżiti minimi applikabbli progressivament, meħud qies tal-kondizzjonijiet tekniċi li jkunu jinsabu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Direttivi bħal dawn għandhom jevitaw li jdaħħlu rabtiet amministrattivi finanzjarji u legali li jistgħu jxekklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u medji.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni.

Fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(c), (d), (f) u (g), il-Kunsill għandu jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali, b'mod unanimu, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitati msemmija.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew, jista' jiddeċiedi li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun applikabbli għall-paragrafu 1(d),(f) u (g).

3. Stat Membru jista' jafda f'idejn il-partijiet soċjali, fuq talba konġunta, l-implimentazzjoni tad-direttivi adottati skont il-paragrafu 2 jew, jekk ikun xieraq, l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 155.

F'dan il-każ għandu jiżgura li, mhux aktar tard mid-data li fiha d-direttiva jew deċiżjoni għandha tiġi trasposta jew implimentata, il-partijiet soċjali jkunu introduċew bi ftehim il-miżuri meħtieġa waqt li l-Istat Membru jkun obbligat jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ikun jista' f'kull ħin ikun f'pożizzjoni li jiggarantixxi r-riżultati imposti b'dik id-direttiva jew dik id-deċiżjoni.

4. Id-dispożizzjonijiet adottati skont dan l-Artikolu:

- *ma jaffettwawx id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom,*

- *ma jipprekludu ebda Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri aktar stretti ta' protezzjoni kompatibbli mat-Trattati.*

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu la japplikaw għall-pagi, la għad-dritt ta' assoċjazzjoni, la għad-dritt tal-istrajk u lanqas għad-dritt li jiġi impost lock-out.

III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi legali

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment qieset il-kwistjoni tal-bażi legali xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-konformità mal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni.[1]

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi legali ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura.[2]

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.[3] F'każijiet eċċezzjonali biss, jekk jiġi stabbilit li l-att jaqdi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod intrinsiku, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet legali korrispondenti.[4] Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet legali rispettivi ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Parlament Ewropew u ma jdgħajfuhx.[5]

IV – L-għan u l-kontenut tal-INL

Wara l-aħħar verżjoni disponibbli tal-emendi ta' kompromess tat-22 ta' Ġunju 2026, il-bażijiet legali ssuġġeriti tal-proposta leġiżlattiva mitluba mill-Kumitat EMPL, jiġifieri l-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), huma ddikjarati fil-premessi tal-abbozz ta' riżoluzzjoni.

Fir-rigward tal-għan tal-miżura rikjesta, inizjalment l-anness għall-abbozz ta' rapport kien jindika, fl-Artikolu 1 tiegħu, li "[d]*in id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, it-tnaqqis tar-riskju psikosoċjali relatat max-xogħol*". L-emendi ta' kompromess tat-22 ta' Ġunju 2026, fl-ewwel rakkomandazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni, itennu li "*L-għan tal-proposta għandu jkun li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-eżiti potenzjali tagħhom* [...]".

It-tieni rakkomandazzjoni tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-miżura rikjesta, jiġifieri, "ħaddiema, ddefiniti bħala kwalunkwe persuna impjegata minn impjegatur, inklużi t-trainees u l-apprendisti, fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif

---

1 *L-Opinjoni 2/00 ("Protokoll ta' Kartaġena")*, ECLI:EU:C:2001:664, il-punt 5.

2 Il-Kawża C-300/89, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Diossidu tat-titanju"), ECLI:EU:C:1991:244, il-punt 10.

3 Il-Kawża C-137/12, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2013:675, il-punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

4 Il-Kawża C-300/89, il-punti 13 u 17; Il-Kawża C-42/97, Il-Parlament vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1999:81, il-punt 38; *L-Opinjoni 2/00*, il-punt 23; Il-Kawża C-94/03, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Konvenzjoni ta' Rotterdam"), ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill, ECLI:EU:C:2006:4, il-punti 36 u 43.

5 Il-Kawża C-300/89, il-punti 17-25; il-Kawża C-268/94, Il-Portugall vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1996:461.

ukoll privati". Il-kamp ta' applikazzjoni maħsub tal-miżura rikjesta għalhekk jikkoinċidi ma' dak inerenti għall-Artikolu 153 TFUE.

Ir-rakkomandazzjonijiet 4, 5 u 6 jagħtu dettalji dwar l-obbligi li għandhom jiġu imposti fuq l-impjegaturi mill-miżura rikjesta, jiġifieri obbligu ġenerali ta' prevenzjoni, l-obbligu li titwettaq regolarment valutazzjoni tar-riskju u li jiġi adottat pjan ta' azzjoni, u l-obbligu li titwettaq valutazzjoni tar-riskju wara riorganizzazzjoni tax-xogħol jew l-introduzzjoni ta' sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' monitoraġġ.

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, bin-numri 7 sa 11, iċaqilqu l-enfasi għal fuq id-drittijiet li l-miżura rikjesta għandha tagħti lill-ħaddiema. B'mod partikolari, is-seba' rakkomandazzjoni tistabbilixxi d-dritt tal-ħaddiema għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur. It-tmien u d-disa' rakkomandazzjoni jiffukaw fuq id-drittijiet tal-ħaddiema meta jirritornaw għax-xogħol wara assenza fit-tul jew assenzi ripetuti kkawżati minn indeboliment tas-saħħa marbut ma' riskju psikosoċjali relatat max-xogħol. L-għaxar rakkomandazzjoni tistabbilixxi d-dritt tal-ħaddiema li jirrapportaw dwar fatturi ta' riskju psikosoċjali mingħajr ma jsofru ritaljazzjonijiet. Il-ħdax-il rakkomandazzjoni tistabbilixxi projbizzjoni li l-ħaddiema jintalbu jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħinijiet tax-xogħol tagħhom ("id-dritt għall-iskonnessjoni").

Ir-rakkomandazzjonijiet 12 u 13 jindirizzaw l-angolu tal-miżuri organizzattivi mmirati lejn il-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali relatat max-xogħol. B'mod partikolari, huma jirrakkomandaw li l-miżura rikjesta tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħatra ta' servizzi protettivi u preventivi speċifiċi għar-riskju psikosoċjali u l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju u l-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju relatati mar-riskju psikosoċjali.

Il-ġabra sussegwenti ta' rakkomandazzjonijiet, bin-numri 14 sa 18, tidentifika diversi obbligi li l-miżura kkontestata għandha timponi fuq l-Istati Membri. Dawn jinkludu l-appoġġ għall-ħidma tal-ispettorati tax-xogħol fir-rigward tar-riskju psikosoċjali relatat max-xogħol; l-introduzzjoni ta' preżunzjoni legali konfutabbli li tkopri r-rabta kawżali bejn il-fatti u l-ħsara, fejn ħaddiem jistabbilixxi fatti li jindikaw esponiment għal riskju psikosoċjali u ħsara kompatibbli ma' tali esponiment; l-iżvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ dwar dan is-suġġett; il-monitoraġġ tax-xejriet u l-ġbir ta' data relatata mar-riskju psikosoċjali, u l-provvediment għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli għall-ksur tal-miżura rikjesta.

Ir-rakkomandazzjoni 19 tiċċara li l-miżura rikjesta għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu regoli li huma aktar protettivi għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema. Għalhekk jidher li l-miżura rikjesta għandha tistabbilixxi "rekwiżiti minimi", f'konformità mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 153(2)(b).

Fl-aħħar nett, ir-rakkomandazzjoni 20 tħeġġeġ l-involviment tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tal-miżura rikjesta.

V – Analiżi

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, il-kunċetti ta' "ambjent tax-xogħol", "sikurezza" u "saħħa",

użati fl-Artikolu 153(1)(a), iħaddnu l-fatturi kollha, fiżiċi jew mhux, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fl-ambjent tax-xogħol tagħhom.6 Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE bbażata fuq dik il-bażi legali diġà tapplika għar-riskju psikosoċjali, għalkemm mingħajr ma tindirizzah speċifikament.

Għandu jiġi enfasizzat li d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol7 (id-"Direttiva Qafas tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol") japplikaw għar-riskji okkupazzjonali kollha, inklużi dawk psikosoċjali. L-Artikolu 6(2), il-punt (g), ta' dik id-Direttiva jipprevedi li l-politika ta' prevenzjoni ġenerali żviluppata minn kull impjegatur jenħtieġ li tkopri fost l-oħrajn "relazzjonijiet soċjali", u b'hekk tagħmel referenza għar-rilevanza tar-riskju psikosoċjali okkupazzjonali fl-arkitettura tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

L-għan ewlieni tal-proposta INL, kif iddikjarat fl-ewwel rakkomandazzjoni, jiċċara li l-miżura li titlob il-proposta INL għandha ssegwi l-għan li ttejjeb l-ambjent tax-xogħol, bil-ħsieb li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 153(1)(a) TFUE. Il-kontenut tal-proposta, speċjalment tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tagħha relatati mad-drittijiet u l-obbligi li jridu jiġu imposti fuq il-ħaddiema u l-impjegaturi rispettivament, huwa ġeneralment konsistenti ma' dan l-objettiv.

Madankollu, xi aspetti tar-rakkomandazzjonijiet jidhru li xi kultant jitbiegħdu minn kunċett strett ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali, inklużi miżuri li jistgħu jkunu pertinenti wkoll f'oqsma ta' politika ġirien oħra, li għalihom teżisti bażi legali speċifika, b'mod partikolari:

- ir-rakkomandazzjoni li l-pjan ta' azzjoni jinkludi miżuri li jirregolaw ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol relatati mal-ipproċessar tad-data tal-ħaddiema għat-tfassil ta' profili jew għal skopijiet oħra (ir-rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4b, punt (e)), li tista' titqies ukoll bħala espressjoni tal-objettiv li jiġu protetti l-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, minqux fl-Artikolu 16 TFUE;

- ir-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jiżguraw il-kontinwità tal-kura u l-aċċess għall-appoġġ għas-saħħa mentali għall-ħaddiema esposti għal riskji psikosoċjali anke wara t-terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg (ir-rakkomandazzjoni 7, it-tielet paragrafu), li, peress li hija relatata mas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema, tista' tiġi inkwadrata fil-bażi legali tal-Artikolu 153(1)(c).

Madankollu, il-piż relattiv ta' dawn l-aspetti fi ħdan ir-rakkomandazzjonijiet ikkonċernati rispettivament u fi ħdan l-arkitettura ġenerali tal-miżura rikjesta mhuwiex tali li jirrevoka li l-għan tal-miżura rikjesta jibqa' t-titjib tal-ambjent tax-xogħol bil-ħsieb li jiġu protetti s-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

VI – Konklużjoni

Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Lulju 2026, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant

6 Is-Sentenza, 12/11/1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, C-84/94, ECLI:EU:C:1996:431.
7 ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

ikkonkluda, bi 22 vot favur, l-ebda vot kontra u 3 astensjonijiet, li l-proposta INL issegwi l-objettivi koperti mill-kunċetti ta' "ambjent tax-xogħol", "sikurezza" u "saħħa", kif imsemmi fl-Artikolu 153(1)(a) TFUE u li, għalhekk, l-Artikolu 153(2)(b), flimkien mal-Artikolu 153(1)(a) TFUE, jidhru li huma l-bażijiet legali xierqa.

Dejjem Tiegħek,

Ilhan Kyuchyuk

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

22	+
ESN	Mary Khan
PPE	Henrik Dahl, Angelika Niebler, Emil Radev, Sven Simon, Axel Voss, Marion Walsmann, Michał Wawrykiewicz
PfE	Ton Diepeveen, Juan Carlos Girauta Vidal, Philippe Olivier
Renew	Ilhan Kyuchyuk, Lukas Sieper, Dainius Žalimas
S&D	José Cepeda, Matthias Ecke, Marit Maij, René Repasi, Krzysztof Śmiszek
The Left	Mario Furore
Verts/ALE	Sergey Lagodinsky, Kira Marie Peter-Hansen

0	-

3	0
ECR	Tobiasz Bocheński, Mario Mantovani, Dominik Tarczyński

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni